**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 2 t'Awissu, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**-vs-**

**Rhian Zammit, detentriċi tal-Karta tal-Identita` bin-numru 111288M**

*Kumpilazzjoni Nru. 113/2018*

Il-Qorti,

Rat l-akkuża miġjuba fil-konfront ta' tal-imputata Rhian Zammit u ċioè talli:

> Nhar is-17 ta' Novembru, 2017 u fil-ġimgħat u xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-gżejjer f'San Pawl il-Baħar, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess diżpożżizzjoni tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkommettiet serq ta' flus għad-detriment ta' Benedetto u Teresa Attard, liema reat twettaq fuq persuna anzjana jew adult dipendenti u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-lok.

Rat li waqt l-udjenza tal-14 ta' Mejju, 2018, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuza migjuba fil-konfront

taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk riedet terga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessa.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura serjissima tar-reati li tinsab akkuzata bihom l-imputata, li twettqu fil-konfront ta' persuni anzjani u vulnerabbli fejn hi abbuzat u sahansitra ttradiet l-fiducja li kellhom fiha. Jibqa' jidwi kliem Teresa Attard *"kont nafdaha hafna lil Rhian u kont inhobbha, ghalhekk hadtha bi kbira u hi taf bizzejjed dan"*.[1] Fil-fatt anke fir-rapport tal-ufficjal tal-probation gie kkonstatat li *"skont Rhian kienu jhobbuha u jafdawha....kienu drawha u jhobbuha hafna"*.[2] Ittiehdet konsiderazzjoni tal-ammissjoni taghha, tal-fedina penali netta taghha, tal-konkluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet milhuqa mill-ufficjal tal-probation fejn jirrizulta li l-imputata wriet soghba ghall-ghemil taghha, wriet li hi disposta tikkumpensa lill-konjugi Attard u spjegat kif l-agir taghha kien rizultat tas-sitwazzjoni finanzjarja hazina li sabet ruhha fiha.

Madanakollu jibqa' l-fatt li huma x'inhuma d-diffikultajiet li persuna tigi kostretta thabbat wiccha maghhom fil-hajja kwotidjana taghha, ma jitnissel ebda dritt minn dan u ma hemm ebda skuza sabiex dik il-persuna tkaxxkar fid-diffikultajiet taghha ohrajn intortament, partikolarment meta dawn huma persuni vulnerabbli u dipendenti - persuni li jixraqilhom protezzjoni aktar minn membri tas-socjeta` ohra.

Kien ghalhekk li l-legislatur bl-**Att XXXI tal-2014** introduca qafas legislattiv li l-ghan tieghu kien li kondotta simili, li jisthoqqilha biss stmerija u ghajb, tigi sanzjonata permezz ta' pieni horox. Il-vulnerabbilita` sabet it-tarka tal-ligi

[1] Fol.96
[2] **Dok. MF**, fol.3

sabiex dawk il-membri tas-socjeta` li huma l-aktar vulnerabbli, partikolarment l-anzjani, li haqqhom u jixirqilhom biss rispett u ghajnuna u mhux sfruttament; li jghixu minghajr thassib jew biza dwar l-inkoluminita` fizika tal-persuna taghhom jew tal-propjeta` li jkunu tul hajjithom hadmu, stinkaw ghaliha w li ghandhom kull dritt igawdu.

Fid-dawl ta' dan kollu, gie kkunsidrat ukoll l-interess tal-vittmi li ghandhom jigu kumpensati ghal dak li ttiehdilhom. Dan ma jistax isir kemm il-darba il-Qorti tinfliggi piena karcerarja fuq l-imputata fejn din tigi prekluza milli mill-aktar fis bl-impjieg taghha taghmel tajjeb ghall-hsara minnha kawzata. Il-Qorti mbghad qiset li jekk ser tinfliggi piena ta' sentenza sospiza, anke jekk fil-massimu taghha, kemm il-darba l-imputata twettaq reat iehor fit-terminu operattiv ta' din is-sentenza, il-massimu erogabbli jibqa' dak ta' sentejn prigunerija, a differenza tal-piena erogabbli f'kaz li l-Qorti tigi biex tittratta maghha ai termini tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn ir-reat li tieghu qed tinstab hatja, igorr piena ta' massimu ta' 9 snin prigunerija. Ghalhekk il-Qorti tqis li jezistu cirkostanzi li jimmeritaw li l-Qorti tapplika l-ewwel proviso ghall-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 li a tenur tieghu l-imputata titqiegħed taħt ordni ta' probation.

Dan l-istess ordni u l-ksur potenzjali tieghu ghandhom isservu ta' deterrent qawwi filwaqt li l-interess tas-socjeta` jigi servut ahjar jekk l-imputata tigi mghejjuna tkompli tirrijabilita ruhha taht il-lenti kostanti tal-awtoritajiet rilevanti.

Illi kif gja` ntqal, fic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li ghandha tordna li l-imputata ghandha taghti kumpens lill-konjugi Attard.

Dwar dan il-Qorti qiset ix-xhieda kemm tad-derubata Tereza Attard izda senjatament dik ta' bintha Moira Cortis[3] u zewgha Anton Cortis. Galadarba l-akkuza tirreferi ghal-Novembru, 2017 u l-gimghat u x-xhur ta' qabel, il-Qorti ser tqis biss il-kalkoli li saru minn Jannar, 2017 il-quddiem, fejn mid-dokumentazzjoni esebita u precizament bejn Jannar u Novembru 2017, jidher li d-derubati kienu qed jircevu medja ta' €2,400 kull xahar minn kera ta' flats u garaxxijiet.[4] Ma dawn il-flejjes id-derubati kienu anke jircevu l-pensjoni b'cekkijiet li Moira Cortis kienet sussegwentement issarfilhom.[5] Mill-flejjes kollha li kienu jircevu kienu jiehdu hsieb ihallsu l-paga tal-*carer* kif uoll sabiex jaqdu l-bzonnijiet ta' kuljum, kontijiet etc.[6]

[3] Fol.44 et seq.
[4] Vide **Dok AC-AC1** a fol. 42-43
[5] Fol. 95 u vide **Dok. AC1** a fol.43
[6] Fol.53

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 261(c)(d)(e), 267, 268, 269(g), 280(1) u 257D(1)(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tpoggi lill-imputata taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin.**

Inoltre` ai termini tal-artikolu 257D(2) tal-Kodici Kriminali u tal-artiklu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputata thallas lill-konjugi Attard s-somma ta' **€20,000 li qed tigi stabbilita bhala kumpens** ghat-telf soffert minnhom permezz tar-reat li l-imputata qed tinstab hatja dwaru. Dan il-hlas ghandu jsir fi zmien sentejn ratejalment. Dan l-ordni jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma ssegwiex id-direttivi li se jinghatawlha fil-perjodu ta' supervizjoni.

Finalment b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil imputata **thallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €660.81c** rapprezentanti spejjez peritali.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u l-Parole.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**